

31977D0585

L 240/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

19.9.1977

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Lulju 1977

li tikkonkludi l-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-tniġġiż u l-Protokoll għall-prevenzjoni tat-tniġġiż tal-Baħar Mediterran bir-rimi ta' l-iskart minn bastimenti u vetturi ta' l-ajru

(77/585/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ta' l-ispeċji u minħabba l-importanza tat-trasport bil-baħar għall-iżvilupp ekonomiku armonjuż tal-Komunità.

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi, barra minn hekk, il-programm ta' azzjoni riferit hawn fuq u d-Direttiva tal-Kunsill 76/464/KEE ta' l-4 ta' Mejju 1976 dwar it-tniġġiż ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi skarigati fl-ambjent marinn tal-Komunità ⁽³⁾ jipprovdu illi jridu jiġu implimentati ċerti miżuri mill-Komunità sabiex jitnaqqsu t-tipi varji ta' tniġġiż tal-baħar.

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾

Billi l-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-tniġġiż jipprovdi illi l-Konvenzjoni u l-Protokoll li għandhom x'jaqsmu magħha għandhom ikunu miftuħa għall-firma mill-Komunità Ekonomika Ewropea;

Billi l-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-tniġġiż tipprovdi b'mod partikolari illi jiġu adottati miżuri xierqa sabiex jipprevenu u jnaqqsu t-tniġġiż ikkawżat mir-rimi ta' l-iskart mill-bastimenti u l-vetturi ta' l-ajru, t-tniġġiż li jirriżulta mill-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-blata kontinentali, mill-qiegħ tal-baħar u t-tniġġiż minn sorsi bażati fuq l-art;

Wara li kunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill fit-22 ta' Novembru 1973 dwar il-programm ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent ⁽²⁾;

Billi dak il-programm jenfasizza fost ħwejjeġ oħra l-fatt illi t-tniġġiż tal-baħar jaffettwa l-Komunità kollha, kemm minħabba r-rwol essenzjali li l-baħar għandu fil-preservazzjoni u l-iżvilupp

Billi l-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni jipprovdi illi l-ebda parti ma tista' ssir Parti Kontraenti tagħha għajr jekk fl-istess ħin issir Parti Kontraenti ta' mill-inqas wieħed mill-Protokoll u illi l-ebda parti ma tista' ssir Parti Kontraenti ta' Protokoll għajr jekk tkun, jew issir fl-istess ħin, Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni;

⁽¹⁾ ĠU Nru C 259, ta' l-4.11.1976, p. 42.

⁽²⁾ ĠU Nru C 112, 20.12.1973, p. 1.

⁽³⁾ ĠU Nru L 129, 18.5.1976, p. 23.

Billi jidher meħtieġ għall-Komunità li tikkonkludi din il-Konvenzjoni u l-Protokoll dwar il-prevenzjoni tat-tniġġiż tal-Baħar Mediterran dwar ir-rimi ta' l-iskart mill-bastimenti u mill-vetturi ta' l-ajru sabiex jinkiseb, fil-kors tal-ħidma tas-suq komuni, wieħed mill-għanijiet tal-Komunità fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-ambjent u tal-kwalità tal-ħajja; billi, barra minn hekk ma hemm l-ebda dispożizzjoni fit-Trattat għall-poteri meħtieġa għal dan il-fini;

Billi l-Konvenzjoni u l-Protokoll imsemmi kienu firmati fisem il-Komunità fit-13 ta' Settembru 1976,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Huma hawnhekk konklużi fisem il-Komunità Ewropea l-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-tniġġiż

u l-Protokoll dwar il-prevenzjoni tat-tniġġiż tal-Baħar Mediterran kaġun ta' rimi ta' skart minn bastimenti u vetturi ta' l-ajru.

It-testi tal-Konvenzjoni u tal-Protokoll huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għandu fisem il-Komunità Ekonomika Ewropea jiddepożita l-att li jikkonkludi l-Konvenzjoni provdut fl-Artikolu 25 tiegħu ⁽¹⁾.

Magħmula fi Brussell, fil-25 ta' Lulju 1977.

Għall-Kunsill

Il-President

H. SIMONET

⁽¹⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni u l-Protokoll għandha tkun publikata mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej